



Brussell, 4 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9313/19
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0105(COD)

CODEC 1080
ENFOPOL 245
JAI 521
EF 194

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Artikolu 9

Il-Parlament Ewropew jiddispijaċih li, kontra l-proposta oriġinali, id-Direttiva ma tinkludix regoli dwar skadenzi preċiżi u kanali tal-IT għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ta' Stati Membri differenti. Il-Parlament Ewropew jiddispijaċih ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ġie limitat għal każijiet ta' terroriżmu u kriminalità organizzata assoċjata mat-terroriżmu, u ma jkoprix, kif oriġinarjament propost, kull tip ta' reat kriminali serju, li jista' jkollu wkoll effetti detrimental serji fuq is-soċjetajiet tagħna. Il-Parlament Ewropew ihegġegħ lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid din il-kwistjoni bħala parti mir-rapporti tagħha fuq l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus, u speċifikament bħala parti mill-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 21. Il-Parlament Ewropew se jsegwi u janalizza mill-qrib daww ir-rapporti u l-valutazzjonijiet u, jekk meħtieġ, se joħroġ bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu stess.